



# L-istorja ta' Ħad-Dingli parroċċa u l-qassisin li qdew dmirhom fir-raħal

*Tagħrif miġbur minn John Bonello*

Minn Ħal Tartarni għal Ħad-Dingli

Matul iż-żminijiet, f'Ħad-Dingli kellna ħafna qassisin li qdew dmirhom bħala kappillani tal-parroċċa. Kollha ħallew xi ħaġa warajhom, min ħalla tifkira tat-tjubija li wera u min baqa' mfakkar għal xi proġett li wettaq u li għen lir-raħal jimxi 'l quddiem. Impossibbli wieħed isemmi kollox fuq kull wieħed minn dawn il-qassisin, iżda hawnhekk se nippruvaw nagħtu ħarsa lejn episodji li ħallew marka b'saħħitha fl-imgħoddi ta' Ħad-Dingli.



L-eqdem tagħrif li għandna dwar ismijiet ta' kapillani jmur lura għall-1436, f'lista ta' ismijiet miġbura mill-Isqof De Mello (1432 - 1445). Il-qassisin li jsemmi De Mello kienu kollha kapillani ta' Ħal Tartarni. Dak iż-żmien Ħad-Dingli u Ħal Tartarni kien għadhom żewġ irħula żgħar separati, minkejja li ħafna kienu jqisuhom ħaġa waħda. Peress li Ħal Tartarni kellu l-knisja parrokkjali tiegħu sa minn qabel l-1436, huwa maħsub li l-ftit familji li kienu diġà jgħixu fl-inħawi ta' Ħad-Dingli (jew Ħad-Dinkili kif kien magħruf dak iż-żmien) kienu jmorru għall-quddies f'Ħal Tartarni. Hemmhekk kien hemm kappella ddedikata lil Santa Duminka.

Il-qaddisa Santa Duminka kienet mara minn Tropea, fil-Calabria mwielda fis-sena 287 wara Kristu. Kienet inqatlet fuq ordni tal-Imperatur Ruman Diocletian Augustus fis-seklu erbgħa. Il-festa tagħha kienet tinżamm nhar is-sitta ta' Lulju, festa li f'ċertu partijiet tal-Italja għadha tiġi ċċelebrata sal-lum. Patri Alexander Bonnici, fil-ktieb tiegħu Ħad-Dingli: Raħal f'Taqbida mal-Ħajja jgħidilna li għal żmien twil il-kappella ta' Santa Duminka f'Ħal Tartarni kienet taqdi l-bżonnijiet spiritwali mhux biss tan-nies tal-inħawi iżda x'aktarx ta' ħafna min-nies fil-Lbiċ ta' Malta. Il-kappella llum m'għadhiex teżisti, għax biż-żmien iġġarfet u ntesiet. Iżda l-qima għal din il-qaddisa kienet tant popolari li fl-1669 il-Baruni Inguanez bena kappella ġdida f'Ħad-Dingli u ddedikaha lilha–b'hekk ukoll żgura li l-bdiewa tal-madwar ma jitilqux, u jibqgħu jaħdmulu l-art.



Ħal Tartarni u Ħad-Dingli qabel l-1436

Dwar iż-żminijiet qabel l-1436 ftit li xejn nafu. Patri Alexander Bonnici jagħmel referenza għal dokument tal-1419. Dan huwa xorta ta' ċensiment ta' nies li kienu jgħixu f'Ħal Tartarni u f'Ħad-Dingli li ma jinkludix tagħrif dwar qassisin. Mid-dokument insiru nafu li fl-1419 kien hemm madwar 325 ruħ jgħixu f'Ħal Tartarni u f'Ħad-Dingli, li minnhom 40 kienu rġiel. Dawn tniżżlu b'isimhom u kunjomhom bħala nies li setgħu jissejħu biex iservu fid-dejma f'każ ta' bżonn. Għalkemm din il-lista ma tgħidilna xejn dwar min kienu il-kapillani f'dawk iż-żminijiet, xorta tixħet dawl fuq fatt importanti–li l-ġrajjiet tal-irħula ta' Ħad-Dingli u ta' Ħal Tartarni kellhom rabta kbira sa mill-bidu nett.

Infatti, l-istorja ta' Ħad-Dingli tista' tgħid bdiet propju minn Ħal Tartarni, irħajjel b'madwar għoxrin familja.



Nafu fiċ-ċert li bejn l-1436 u l-1539 f'Hal Tartarni dejjem kien hemm kappillan tal-post.

Iċ-Ċensiment tal-1436
Fl-1436, l-Isqof Senatore de Mello ordna li jsir ċensiment ta' knejjes u kappelli f'Malta u Għawdex li kienu jwettqu xogħol ta' parroċċi f'dawk iż-żminijiet imbiegħda. Il-bżonn taċ-ċensiment kien biex il-Knisja f'Ruma tkun taf x'inhu d-dħul finanzjajrju minn dawn il-parroċċi. Fir-rapport, huwa jsemmi għaxar kappelli, fosthom dik ta' Santa Duminka ta' Ħal Tartarni, li llum ftit li xejn nafu dwarha. Nafu żgur li kienet parroċċa fqira ħafna, u li kellha dħul minn erba' legati b'renti ċkejknin. Tant kienet fqira nfatti, li l-kappella ntelqet u tħalliet tiġġarraf għax ma kienx hemm flus biex tinżamm f'kundizzjoni tajba.

Fid-dokument tal-Isqof De Mello nsibu din il-lista ta' kappillani ta' Ħal Tartarni:

Dun Guglielmo Zammit 1436 - n/a
Dun Antonio Ruros n/a - 1501
Dun Orlando Vitali 1501 - 1528
Dun Antonio Vitali 1528 - 1532
Dun Matteo Surdo 1532 - 1533
Dun Nicola de Armanino 1533 - 1536
Dun Pietro Desguanez 1536 - 1539

Titwieled il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli
Ħal Tartani baqa' paroċċa sal-1539 meta l-Isqof Tommaso Bosio ddikjaraha soppressa. L-aħħar kappillan ta' Ħal Tartarni, Dun Pietro Desguanez kien qarib tal-baruni Inguanez li kien sid ta' ħafna artijiet f'Ħad-Dingli u l-madwar. Patri Bonnici jgħidilna li l-kappillan xtaq li jibda jaqdi d-dmirijiet parrokkjali tiegħu f'Ħad-Dingli u għalhekk ħadem biex il-parroċċa ta' Santa Duminka f'Ħal Tartarni tisfa sopressa. Kif għamel hekk ma nafux, iżda li nafu fiż-żgur huwa li l-baruni Inguanez kien bżonn l-idejn biex jaħdmulu l-art, u n-nies ta' Ħal Tartarni, li kienu jgħixu f'faqar kbir, kien jaqblilhom iġorru kollox lejn Ħad-Dingli.

B'hekk, Ħal Tartarni spiċċa fix-xejn. Iż-żewġt irħula malajr saru wieħed, li kulħadd beda jsejjaħlu Ħad-Dingli.

Bejn l-1539 u l-1594 nafu li f'Ħad-Dingli kien hemm sitt kappillani (jew retturi, kif kienu jissejħu dak iż-żmien), u dawn kienu:

Dun Nicola de Armanino 1539 - 1541
Dun Pietro Zammit 1541 - n/a
Dun Guglielmo Saliba 1553 - n/a
Dun Gio-Paolo Bigen 1589 - 1592
Dun Vincenzo Callus 1593 - 1594
Dun Giacomo Scicluna 1594 - n/a

L-Isqof Tommaso ħatar lill-qassis Rabti Dun Giacomo Scicluna rettur tal-knisja f'Ħad-Dingli fl-1594. Fi żmien dan ir-rettur, sar xogħol ta' tkabbir fil-knisja eżistenti, xogħol li tlesta fl-1607. Fl-istess żmien, il-knisja tal-Assunta ġiet mogħtija drittijiet parrokkjali, għalkemm Dun Giacomo Scicluna ma kienx kappillan u lanqas kien jgħix fir-raħal. Dan nafuh minn dokument li jispjega kif l-Isqof Baldassare Cagliares irċieva lmenti mid-Dinglin li xtaqu li jkollhom kappillan tagħhom. L-Isqof Baldassare Cagliares sema' dan l-ilment u ħatar lil Ħad-Dingli parroċċa fis-16 t'Ottubru tal-1615. L-ewwel kappillan tal-parroċċa kien Dun Simeone Fenech li serva bejn 1615 u 1643. Warajh kien hemm tnejn oħra:

Dun Vincenzo Musci 1644 - 1646
Dun Rajmond Mifsud 1645 - 1668

Fl-1668 il-Vigarju Kapitulari Dun Ġann-Anton Cauchi neħħa l-knisja tal-Assunta ta' Ħad-Dingli minn parroċċa. Dan fisser li Ħad-Dingli ma kellux iżjed knisja li setgħet taqdi dmirijiet parrokkjali u b'hekk il-knisja tar-raħal reġgħet ġiet parti mill-parroċċa tar-Rabat. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Rajmond Mifsud, tneħħilu t-titlu ta' kappillan u x'aktarx ġie mġiegħel jitlaq minn Ħad-Dingli. Fin-nuqas tiegħu, l-knisja ħadu ħsieba żewġ viċijiet, Dun Ġamri Mifsud u Dun Anton Aquilina.

Fil-31 ta' Diċembru 1678, l-Isqof Spanjol Mikiel-Ġlormu Molina ddikjara li l-għażla tal-Vigarju Kapitulari Dun Ġann-Anton Cauchi li jneħħi lil Ħad-Dingli minn parroċċa kienet żbaljata u abbusiva. Sejjaħ lura lil Dun Rajmond Mifsud biex ikompli fejn ħalla bħala kapillan, u ħatar lill-knisja tal-Assunta paroċċa mill-ġdid. L-ismijiet li ġejjin huma tal-kappillani li servew bejn l-1678 u l-1837:

Dun Raimondo Mifsud 1678 - 1679
Dun Andrea Spiteri 1679 - 1681
Dun Bernard Dingli 1681 - 1688
Dun Duminku Cumbo 1688 - 1695
Dun Ġużeppi Mizzi 1696 - 1709
Dun Ġużeppi Pace 1710 - 1712
Dun Ġwakkin Camilleri 1712 - 1714
Dun Ġakobb Murga 1714 - 1728
Dun Injazju Vella 1728 - 1763
Dun Feliċ Vassallo 1763 - 1775
Dun Ġużeppi Zerafa 1775 - 1784
Dun Ġużeppi Vassallo 1787 - 1794
Dun Ġużeppi Formosa 1794 - 1800
Dun Ġwannbattista Grech 1801 - 1808
Dun Nikol Camilleri 1809 - 1837

Bejn l-1837 u l-1840 Ħad-Dingli għamel żmien mingħajr kappillan. F'dak il-perjodu, il-parroċċa tmexxiet minn vigarju-kurat, l-ewwel minn Dun Ġwann Abela mbagħad

*Ikompli f'paġna 30*

minn Dun Saver Xuereb. Fl-1839 applikaw ħdax-il qassis li daħlu għall-konkors tal-għażla, fosthom l-istess Dun Saver Xuereb. Il-konkors intrebaħ minn Dun Anton Vassallo, qassis żagħżugħ mis-Siġġiewi li ħa l-pussess tal-parroċċa fl-10 ta' Mejju 1840. Dak iż-żmien nafu li f'Ħad-Dingli kien hemm popolazzjoni ta' 406 imqassmin f'112-il familja.

Dun Anton Vassallo 1840 - 1846
Dun Franġisk Buttigieg 1847 - 1848
Dun Andrea Mallia 1849 - 1863

Fl-1861, Dun Andrea Mallia ħadem biex il-knisja ta' Ħad-Dingli jkollha l-istatwa titulari tagħha. Qabbad lill-iskultur Rabti Anton Busuttil imlaqqam iż-Żarmanġilu, li bl-għajnuna tat-tifel tiegħu Franġisku naqax l-istatwa ta' Santa Marija fl-injam.

Dun Anton Grech Falzon 1865 - 1872
Dun Ġużeppi Salnitro 1872 - 1874
Dun Teodoru Galea 1875 - 1877
Dun Vinċenz Callus 1878 - 1882
Dun Franġisk Manchè 1882 - 1884
Dun Ġużeppi Rizzo 1884 - 1892
Dun Franġisk Muscat 1895 - 1901

Fi żmien il-kappillan Dun Franġisk Muscat ġie deċiż li tinbena knisja ġdida. Il-Perit Francesco Zammit ħejja l-pjanti neċessarji u x-xogħol beda fl-1900. Għalkemm ma kinitx tlestiet għalkollox, il-knisja l-ġdida tbierket fit-12 ta' Lulju 1908. Ix-xogħol baqa' għaddej għal ħafna snin, bil-konsagrazzjoni tal-knisja tinżamm nhar is-26 ta' Marzu 1939 mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi.



Dun Vinċenz Curmi 1902 - 1913

Fost il-ħafna ħidmiet tiegħu, il-kappillan Dun Vinċenz Curmi jibqa' mfakkar għall-inizjattiva tiegħu li jiġbor flus biex jitpitter kwadru titulari għall-knisja. Il-kwadru tpitter Ruma mill-artist Virginio Monti għas-somma ta' sitta u tletin sterlina u tqiegħed f'postu fil-11 t'Awwissu 1910.

Dun Pawl Azzopardi 1913 - 1932

Imwieled f'Ħad-Dingli, Dun Pawl Azzopardi qeda dmiru bħala kappillan tar-raħal għal kważi għoxrin sena. Matul dawn is-snin ħadem ħafna speċjalment fiż-żminijiet iebsa tal-ewwel gwerra. Fost l-affarijiet li jibqa' mfakkar għalihom hemm it-twaqqif tad-Domus, li nbniet fi żmienu bħala post fejn ilaqqa' liż-żgħażagħ tar-raħal u l-inizjattiva tiegħu biex jingħata bidu għall-bini ta' ċimiterju ġdid.



Dun Ġużeppi Lanzon 1933 - 1941

Dun Ġużeppi Lanzon twieled il-Birgu fl-1897. Bħala kappillan ta' Ħad-Dingli ħadem ħafna biex tal-linja tibda tidħol mir-Rabat għal Ħad-Dingli. Kien ħadem ukoll biex id-Dinglin jiddaħħlu jaħdmu bħala skrivani fis-servizz ċivili. Fi żmien il-gwerra tella' xi refuġjati mill-Birgu u żammhom ġewwa d-Domus sakemm għaddiet il-gwerra. Qabel telaq minn Ħad-Dingli kien ħalla wkoll xi flus biex jibdew jinbnew in-navi tal-knisja. Wara Ħad-Dingli ġie trasferit Ħaż-Żabbar, fejn ittajjar minn blast ta' bomba waqt li kien tiela' t-taraġ taz-zuntier. Miet ftit xhur wara fl-eta' ta' 46 sena.

Dun Karm Azzopardi 1941 - 1961
Dun Anton Muscat 1961-1964

Lejn nofs is-snin ħamsin, fi żmien il-kappillan Dun Karm Azzopardi, inħasset il-ħtieġa li l-knisja titkabbar. Il-proġett ħa ħsiebu l-Perit Ġużè Damato li żamm il-knisja eżistenti filwaqt li żied in-navi fuq kull naħa. Il-faċċata twaqqgħet u nbiet oħra akbar. Dan ix-xogħol beda fis-26 ta' Jannar 1958 bil-bini tan-navi u baqa' għaddej sa nofs is-snin sittin meta, fi żmien il-kappillan Dun Anton Muscat tlestew il-kampnari, il-portiku u z-zuntier il-ġodda.

Dun Pawl Caruana 1964 - 1974

Fi żmien il-kappillan Dun Pawl Caruana ġiet midnija l-koppla fuq disinn tal-Perit Italo Raniolo. Ix-xogħol inbeda fl-24 ta' Ġunju 1968 u tlesta fil-15 ta' Lulju 1973 bit-tqegħid tas-salib.

Dun Carmelo Frendo 1974 - 1978
Dun Ġużeppi Pace 1978 - 1981
Dun Vinċenz Cachia 1981 - 1985
Dun Richard Borg 1985 - 1994
Dun Trevor Fairclough 1994 - 2002

Isem Dun Trevor Fairclough jibqa' jissemma' għall-proġett ta' ċentru parrokkjali ġdid f'Ħad-Dingli biex jieħu post id-Domus kif ukoll iservi għal skopijiet oħra, fosthom bħala uffiċċju fejn il-kappillan ikun jista' jiltaqa' mal-parruċċani.

Dun Reuben Deguara 2002 - 2006
Dun Norman Żammit 2006 - 2011
Dun Ewkarist Żammit 2011 - 2015

Il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli tingħata t-titlu ta' Knisja Arċipretali

L-ewwel Arċipriet ta' Ħad-Dingli, Dun Ewkarist Zammit, inħatar nhar it-22 t'Awwissu 2015, dakinhar li l-Arċisqof Charles J. Scicluna ħabbar li l-parroċċa ta' Ħad-Dingli saret Arċipretali. Dan ħabbru fi tmiem il-quddiesa lejlet il-festa tar-raħal. Dun Ewkarist Zammit temm il-kariga tiegħu fl-2018 u postu ħadu Dun Mark Mallia Pawley.

Referenzi:


- http://www.dingliparish.com/parish-priests Parroċċa ta' Ħad-Dingli
- Ħad-Dingli: Raħal f'Taqbida mal-Ħajja (Alexander Bonnici OFM, 2000, Kunsill Lokali Ħad-Dingli)
- Ħad-Dingli: Ir-Raħal li jikber u jieħu r-ruħ (Alexander Bonnici OFM, 2003, Kunsill Lokali Ħad-Dingli)
- http://archives.maltadiocese.org/Portals/0/Issue%205%20-%20Jun%202014.pdf Fr VicGeorge Vassallo
- http://www.ciantar.org/kappellimaltin/Kitbiet/Artikli/Il-Knisja_ta-_Santa_Duminka_f-Hal_Tartarni.pdf - Alexander Bonnici OFM


---

# Santa Marija F'Qalb Is-Soċjetà Tagħna

*minn Kav. Carmel Bianchi KGO - President Onorarju*

Kemm Awwissu jferraħna
żgur għal qalbna d-Dinglin
niċċelebraw din il-festa
bik Marija wisq kburin.

Inħossuna xxurtjati
li ta' qabilna ħatruk
għad-Dinglin bħala patruna
Santa Marija nħobbuk.

Fik insibu dik għaxqitna
qalbna tħabbat wisq għalik
ta' kull sena nkabbru l-festa
għaxqa kbira nsibu fik.

Kumitat id f'id ħabbrieki
għal għan wieħed għalenin
il-festa tiegħek wisq għal qalbna
dejjem naħdmu ħerqanin.

X'entużjażmu jikber fina
meta l-ġranet sew resqin
atmosfera tant ferrieħa
sa nżejnulek il-każin.

Inlibbsuh libsa tal-festa
noħorġu kull armar ġdid
għax hekk jixraq lill-patruna
żgur kull membru dak li jrid.



Ara x'binja għamilnielek
frott l-imħabba ta' wisq qlub
int taf sew x'bokka bik għandna
f'qalbna ismek hemm miktub.

F'dawk il-ġranet sbieħ tal-festa
wisq jispikka t-tiżjin
jiġbed lejh l-ammirazzjoni
b'dan il-lussu ta' każin.

Meta tkun fit-toroq tagħna
idħol daħla sal-każin
lilu bierek u 'l uliedek
żommna dejjem magħqudin.

Int il-warda dejjem friska
kull ħin tfewwaħ qatt titbiel
kemm tgħaxxaqna dik sbuħitek
tal-ġenna tagħtina ħjiel.

Ta' Ġerusalem il-glorja
għajn li tfawwar kull benna
l-isbaħ warda int Marija
li tfewwaħ l-art u l-ġenna.

Nitolbuk Santa Marija
waqt li jgerbu x-xhur u s-snin
ġo kull qalb tal-membri w soċi
kompli saħħaħ it-twemmin.